*Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell:* Appell miċħud.

*Motivi invokati:* Ksur ta' l-Artikolu 7(1)(b) u (ċ) tar-Regolament tal-Kunsill ([1]) Nru 40/94 peress li, skond ir-rikorrenti u b'mod kuntrarju għall-kunsiderazzjonijiet tad-deċiżjoni kkontestata, it-terminu "PAYWEB CARD" mhuwiex deskrittiv iżda, għall-kuntrarju, huwa distintiv fil-konfront tal-prodotti u s-servizzi mitluba.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, ta' l-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 1994, L 11, p. 1).

## Rikors ippreżentat fit-8 ta' Novembru 2007 — CMB u Christof vs Il-Kummissjoni u l-AER

### (Kawża T-407/07)

(2008/C 8/39)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* CMB Maschinenbau & Handels GmbH (Gratkorn, l-Awstrija) u J. Christof GmbH (Graz, l-Awstrija) (rappreżentanti: A. Petsche, N. Niejahr u Q. Azau, avukati, u F. Young, solicitor)

*Konvenuti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni;

— tordna lill-AER tipproduċi ċerti dokumenti;

— tikkundanna lill-AER tħallas kumpens għad-danni sostnuti mir-rikorrenti, li jammontaw għal EUR 26 862,17 u EUR 3 197 968,80 għal spejjeż u dħul mitluf, kif ukoll interessi mid-data meta seħħ id-dannu;

— tikkundanna lill-AER tħallas interessi fuq il-kumpens mid-data tad-deċiżjoni;

— tikkundanna lill-AER u lill-Kummissjoni jbatu l-ispejjeż tagħhom u dawk tar-rikorrenti.

### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti jikkontestaw id-Deċiżjoni ta' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni tad-29 ta' Awwissu 2007 li tikkonferma ċ-ċaħda ta' l-offerta tar-rikorrenti u l-għotja lil offerent ieħor tal-kuntratt li jirrigwarda s-sejħa għal offerti EuropeAid/124192/D/SUP/YU (ĠU 2006/S 233-248823), għall-provvista, kunsinna, installazzjoni, servizzi ta' wara l-bejgħ u taħriġ fl-użu ta' provvisti għat-trattament u t-trasport ta' skart mediku fir-Repubblika tas-Serbja (minbarra l-Kosovo). Barra minn hekk, ir-rikorrenti jitolbu l-kumpens għad-dannu allegatament ikkawżat mid-deċiżjoni.

In sostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li l-awtorità kontraenti kisret il-kriterji ta' l-għotja fis-sejħa ta' l-offerti, peress li l-offerta ta' l-offerenti rebbieħ ma kinitx tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet teknici.

Barra minn hekk, ir-rikorrenti jallegaw li l-awtorità kontraenti kisret il-proċedura ta' għoti ta' kuntratt applikabbli, li ma tatx raġunijiet u li kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

## Rikors ippreżentat fis-7 ta' Novembru 2007 — Crunch Fitness International vs L-UASI — ILG (CRUNCH)

### (Kawża T-408/07)

(2008/C 8/40)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Crunch Fitness International Inc. (New York, l-Istati Uniti) (rappreżentant: J. Barry, Solicitor)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell:* ILG Ltd (Dun Laoghaire, l-Irlanda)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord ta' l-Appell fir-rigward tal-klassi 41 tat-trade mark Komunitarja;

— iżżomm ir-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja għal servizzi fil-klassi 41; u

— tikkundanna lill-UASI jbati l-ispejjeż kemm f'dawn il-proċeduri kif ukoll fl-appell quddiem l-UASI.

## Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja rreġistrata suġġett ta' talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* It-trade mark figurattiva 'CRUNCH' għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 25 u 41 — Trade mark Komunitarja Nru 62 083

*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* Ir-rikorrenti

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* ILG Ltd

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* Dikjarazzjoni parzjali ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja għall-prodotti u servizzi fil-klassijiet 9 u 25

*Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell:* Dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja anki għas-servizzi fil-klassi 41

*Motivi invokati:* Ksur ta' l-Artikolu 50(1)(a), sussidjarjament ta' l-Artikolu 50(2), tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, billi l-Bord ta' l-Appell żbalja meta sab li ma kienx hemm użu ġenwin tat-trade mark in kwistjoni fil-Komunità fir-rigward tas-servizzi fil-klassi 41.

## Rikors ippreżentat fis-16 ta' Novembru 2007 — Cohausz vs L-UASI — Izquierdo Faces (acopat)

**(Kawża T-409/07)**

(2008/C 8/41)

*Lingwa tar-rikors: L-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Prof. Dr.-Ing. Helge B. Cohausz (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentant: I. Friedhoff, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell:* José Izquierdo Faces (Bilbao, Spanja)

### Talbiet tar-rikorrent

— tannulla l-att ikkontestat [id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Bord ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-6 ta' Settembru 2007 fil-kawża R 289/2006-1];

— tikkundanna lill-intervenjent u/jew (lill-UASI) jbati l-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal annullament:* Il-marka figurattiva "acopat" għal servizzi fil-klassijiet 35 u 42 — Trade mark Komunitarja Nru 1 643 782

*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* José Izquierdo Faces

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' l-invalidità tat-trade mark Komunitarja:* Ir-rikorrent

*Dritt tat-trade mark tal-parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' l-invalidità:* It-trade mark verbali nazzjonali "COPAT" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 35, 41 u 42

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* Dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarju

*Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell:* L-annullament tad-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni u ċ-ċaħda tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Motivi invokati:* Ksur ta' l-Artikolu 56(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94 u r-Regoli 22(2) u 40(5) tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 2868/95, peress li l-Bord ta' l-Appell kien żbaljat meta ddeċieda li t-trade mark nazzjonali ma kinitx intużat fil-Ġermanja matul il-perijodu mill-1996 sa l-2001.

## Rikors ippreżentat fis-16 ta' Novembru 2007 — Jurado Hermanos vs L-UASI (JURADO)

**(Kawża T-410/07)**

(2008/C 8/42)

*Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Jurado Hermanos, S.L. (Alicante, Spanja) (rappreżentant: C. Martín Álvarez, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' l-Appell tat-3 ta' Settembru 2007 fil-Każ R 866/2007-2;

— tiddeċiedi fuq il-mertu tal-kawża, billi tirrikonoxxi lil JURADO HERMANOS, S.L., bħala parti interessata fil-proċedura ta' tiġdid tat-trade mark Komunitarja Nru 240 218, peress li hija l-proprjetarja esklussiva u reġistrata ta' din it-trade mark, u tilqa' t-talba għal *restitutio in integrum* magħmula minn JURADO HERMANOS, S.L. fir-rigward tat-tiġdid tat-trade mark Komunitarja Nru 240 218, u

— tordna lill-UASI jbati l-ispejjeż.